MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1036/2000/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Kalaxlokk Company Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-Korporazzjoni Enemalta minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-

13 ta' Ottubru 2003, li fiha giet michuda t-talba attrici ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm8,910 rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq bejgh u konsenja ta' diesel, zjut u "fuels" ohra, li skond hi kienu saru "fuq talba tas-socjeta` konvenuta". Kopja ta' l-imsemmija sentenza qed tigi annessa ma' l-odjerna sentenza bhala appendici biex tifforma parti integrali minnha.

2. Minbarra l-preskrizzjoni, is-socjeta` konvenuta eccepiet li, in kwantu diretti kontriha t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi s-socjeta` konvenuta ma kenitx responsabbli ghall-hlas ta' l-ammonti reklamati fic-citazzjoni u "talvolta (sic) tista' tkun is-socjeta` N.O.V.I.T.A. Construction Co Ltd li hija responsabbli u s-socjeta` konvenuta qed tirrizerva d-dritt li titlob il-kjamata fil-kawza".

3. Fl-appell tal-Korporazzjoni Enemalta hemm talba ghar-revoka tas-sentenza appellata bl-akkoljiment tat-talbiet attrici ghall-ammont mitlub, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

4. Is-socjeta` appellata wiegbet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. L-aggravji tal-Korporazzjoni attrici appellanti jikkonsistu f'punti ta' divergenza bejn il-mod kif argumentat u ddecidiet l-ewwel Qorti u l-mod differenti kif l-istess appellanti thares lejn l-istess fatti izda tasal pero` ghal konkluzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

6. L-appellanti tinsisti li hija bieghet zjut u "fuels" lis-socjeta` appellata fuq medda ta' snin "u dejjem kien isir pagament akkont u min-naha tas-socjeta` appellata".

Fil-fehma tal-Qorti l-argument suespost hu wiehed newtru ghaliex iservi wkoll biex juri li l-Kalaxlokk Co. Ltd. dejjem onorat id-debiti taghha – hlief meta sehh tibdil li dwaru din il-Qorti sejra tiddelibera aktar 'il quddiem.

7. L-appellanti tirrikonoxxi li "f'xi zmien fl-1994 it-tmexxija tal-Kalaxlokk waqa' f'idejn is-socjeta` N.O.V.I.T.A. Construction Co. Ltd." pero` zzid ukoll li b'danakollu (ara para 4 tar-rikors ta' l-appell),
"… mill-provi mkien ma rrizulta li l-Enemalta dahlet fi ftehim ma' N.O.V.I.T.A. jew ma' terzi (dwar) dawn il-bejgh u l-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni".

Huwa veru li l-ftehim originali kien sar bejn l-Enemalta u s-socjeta` appellata izda gew prodotti provi li din ta' l-ahhar infurmat bit-tibdil li kien sehh – ara ittra tat-28 ta' Novembru 1994 a fol. 39 – u konsegwentement, il-Korporazzjoni ma kellhiex u ma setghetx tibqa' tippretendi li kienet ghadha tinnegozja mas-socjeta` appellata. Fil-fatt jirrizulta wkoll li meta l-Korporazzjoni Enemalta ma rcevietx aktar pagamenti bhas-soltu, hija mbaghad interpellat ukoll ghall-hlas lis-socjeta` N.O.V.I.T.A. – fatt li juri bic-car kemm il-Korporazzjoni appellanti kienet pjenament konsapevoli tal-bidla li kienet sehhet. Is-socjeta` appellanti tinsisti li l-ittra surreferita wahidha m'hix prova sufficjenti u li fil-"file" taghhom (ara fol. 36) ma nstabitx. Il-provi juru li dina l-asserzjoni hija inattendibbli ghaliex il-fatti jikkontradicuha.

8. Is-socjeta` appellanti tinsisti li hemm provi sufficjenti da parti taghha li jikkonnettu r-responsabbilta` ghall-ordnijiet li saru, il-konsenja tal-materjal u l-hlas dovut mas-socjeta` konvenuta. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti izda, bhal dik ta' qabilha, dak li gie ghal darb'ohra sottomess mill-Korporazzjoni appellanti ma jreggix ghaliex m'huwiex sorrett mill-provi hlief ghall-konsenja li saret proprju fit-28 ta' Novembru 1994, u fejn allura wiehed necessarjament jipprezumi li l-ordni sar <u>qabel</u> dik id-data u qabel ma l-ittra a fol. 39 waslet ghand il-Korporazzjoni Enemalta. Meta saru ordnijiet godda <u>wara</u> Novembru 1994, u dawn gew ikkonsenjati, is-socjeta` appellanti kienet giet mgharrfa <u>minn qabel</u> li dawna l-operazzjonijiet kienu saru "ex tunc" responsabbilta` tas-socjeta` N.O.V.I.T.A. Jirrizulta li ghal ragunijiet li tafhom hija biss, il-Korporazzjoni appellanti ghazlet li tinjora dawn l-istruzzjonijiet li nghataw lilha min-naha tas-socjeta` appellata u baqghet tibghat l-"invoices" kif kienet taghmel qabel. Fic-cirkostanzi din il-Qorti

jidhrilha li l-ewwel Qorti ddecidiet korrettament (hlief, pero`, ghar-rigward tal-konsenja tat-28 ta’ Novembru 1994 – *invoice* 0000001905, fol. 5 u 34), li
“Fil-kaz in ezami m’hemmx kwistjoni ta’ debitu li ser jaghmel tajjeb ghalih debitur gdid, imma trasferiment ta’ management, operations u admininstration minn kumpanija ghal ohra. Il-kumpanija l-gdida, li hadet over, f’dan il-kaz, N.O.V.I.T.A., kienet ser taghmel l-ordnijiet godda hi, wara t-28 ta’ Novembru 1994, u mhux il-kumpanija li kienet originarjament marbuta li taghmilhom, cioe` il-konvenuti”.

“Illi mill-provi prodotti l-intenzjoni li N.O.V.I.T.A. tiehu over il-management u administration kienet cara u giet espressa fl-ittra msemmija a fol. 39 u l-atturi kienu gew infurmati u accettaw li N.O.V.I.T.A. jidhlu minflok il-konvenuti tant li huma kienu jibghatu l-‘invoices’ lin-N.O.V.I.T.A. ghalkemm fuq isem is-socjeta` konvenuta Kalaxlokk”.

Fil-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti, il-posizzjoni kif esposta mill-ewwel Qorti kienet wahda korretta hlief, kif diga` inghad, ghar-rigward tal-konsenja tat-28 ta’ Novembru 1994. Il-hlas ghal din il-konsenja ma jistax jinghad li hu milqut bl-ittra ta’ l-istess data aktar ’l fuq imsemmija, u ghalhekk limitatament ghas-somma ta’ Lm2,640 it-tieni talba attrici ghandha tintlaqa’.

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa’ in parti l-appell tal-Korporazzjoni attrici u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet (it-tieni) talba attrici u minflok tilqaghha limitatament fir-rigward ta’ l-*invoice* numru 0000001905 ghas-somma ta’ elfejn, sitt mija u erbghin lira (Lm2,640) u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ elfejn, sitt mija u erbghin lira (Lm2,640), bl-imghax dekorribbli mis-17 ta’ Novembru 1998 sad-data ta’ l-effettiv pagament; u tikkonferma s-sentenza kwantu ghall-bilanc tas-somma originarjament mitluba.

L-ispejjez, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, jithallsu kwantu ghal parti minn kull erbgha mis-socjeta` appellata u r-rimanenti $^{3}/_{4}$ mill-Korporazzjoni appellanti.

Deputat Registratur
df

APPENDICI

Kopja tas-sentenza moghtija fit-13 ta' Ottubru, 2003 mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta v. Kalaxlokk Company Limited, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------